

Brussell, 15 ta' Lulju 2025  
(OR. en)

11329/1/25  
REV 1 ADD 1

---

---

Fajl Interistituzzjonali:  
2025/0051 (COD)

---

---

CODEC 983  
ENER 355  
ENV 669  
CLIMA 255  
IND 254  
RECH 321  
COMPET 700  
ECOFIN 963

**NOTA PUNT "I/A"**

---

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament (UE) 2017/1938 fir-rigward tar-rwol tal-ħżin tal-gass għall-iżgurar tal-provvisti tal-gass qabel l-istaġun tax-xitwa <b>(I-ewwel qari)</b> - Adozzjoni tal-att leġiżlattiv = Dikjarazzjoni

---

**Dikjarazzjoni mis-Slovakkja**

Is-Slovakkja tagħraf il-kontribut tal-miżuri proposti fir-Regolament dwar il-ħżin tal-gass biex tiżdied is-sigurtà tal-enerġija tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha. Ir-Regolament iżid ukoll il-flessibbiltà tant meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-obbligu tal-ħżin tal-gass u jipprovdi kjarifika utli tal-applikazzjoni Prattika tiegħu, b'mod partikolari għall-ħażniet tal-gass li jinsabu fi Stati Membri oħra.

Madankollu, id-dispożizzjonijiet fil-premessa 2 rigward ir-Regolament REPowerEU propost u d-dikjarazzjoni li jsir progress rapidu lejn it-tmiem tal-importazzjoni tal-gass mir-Russja mhumiex aċċettabbli għas-Slovakkja għal diversi raġunijiet:

L-ewwel nett, ir-rabta ma' proposta li hija s-suġġett ta' proċess leġiżlattiv li għaddej bħalissa hija ferm anormali u tista' titqies bħala li tippreġudika r-riżultati tan-negozjati tagħha, filwaqt li diversi elementi ewlenin (eż. obligazzjonijiet li jirriżultaw minn kuntratti tal-gass fit-tul ikkanċellati u oħrajn) iridu jiġu ċċarati.

It-tieni nett, il-premessa ma għandha l-ebda rabta ma' xi parti tat-test leġiżlattiv innifsu u tmur ferm lil hinn mill-għan tar-Regolament dwar il-ħżin tal-gass. B'mod speċifiku, bl-ebda mod ma tista' tiddetermina jew teskludi s-sors tal-provvista tal-gass biex jiġu ssodisfati l-obbligi skont dan ir-Regolament.

Għalhekk, fir-rigward tal-pożizzjoni konsistenti tagħna rigward il-proċess tat-tneħħija gradwali tad-dipendenza fuq il-fjuwils fossili mir-Russja, li hija f'kontradizzjoni diretta mal-premessa 2 ta' dan ir-Regolament, is-Slovakkja tastjeni milli tivvota dwar dan ir-Regolament.